

**Brussell, 22 ta' Novembru 2023  
(OR. en)**

**15421/23  
ADD 1**

**SOC 770  
EMPL 553  
GENDER 202**

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tranżizzjoni ta' sistemi tal-kura tul il-ħajja lejn mudelli ta' appoġġ olistiċi ċċentriati fuq il-persuna u bbażati fil-komunità, b'perspettiva tal-ġeneru - Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ungeriża

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ungeriża b'rabta mal-abbozz ta' Konklużjonijiet imsemmi hawn fuq.

**DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA**

**DWAR IL-KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IT-TRANŻIZZJONI TA' SISTEMI TAL-KURA TUL IL-ĦAJJA LEJN MUDELLI TA' APPOĠĠ OLISTIĊI ĊĊENTRATI FUQ IL-PERSUNA U BBAŻATI FIL-KOMUNITÀ, B'PERSPETTIVA TAL-ĠENERU**

L-Ungerija tagħraf u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minquxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għal "sess" fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tranżizzjoni ta' sistemi tal-kura tul il-ħajja lejn mudelli ta' appoġġ olistiċi ċĊentrati fuq il-persuna u bbażati fil-komunità, b'perspettiva tal-ġeneru.

Barra minn hekk, l-Ungerija tiddikjara li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "l-Istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025" imsemmija fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tranżizzjoni ta' sistemi tal-kura tul il-ħajja lejn mudelli ta' appoġġ olistiċi ċĊentrati fuq il-persuna u bbażati fil-komunità, b'perspettiva tal-ġeneru, għandha tiġi interpretata b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi nazzjonali u čĈirkostanzi speċifiċi f'kull Stat Membru.